MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 973/2002

**Peter Cassar Torreggiani, Sharon Lynn Allison nee` Geers mart Peter Cassar Torreggiani, Helen Cassar Torreggiani, Thomas Cassar Torreggiani u Michael Cassar Torreggiani**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur Peter Cassar Torreggiani dejjem kiteb kunjomu Cassar Torreggiani, hekk kif kien jiktbu missieru u kif inhu miktub fic-certifikat tat-twelid ta' missieru li qed jigi hawn mehmuz u mmarkat bhala Dok. A;

Illi c-certifikat tat-twelid ta' Peter Cassar Torreggiani kif irregistrat fir-Registru Pubbliku u li qed jigi hawn mehmuz u mmarkat bhala Dok. B juri isem l-attur miktub minghajr il-‘g' doppja, u cjoe` ‘Torregiani'; u

Illi dan l-izball sehh ghal darba ohra fuq ic-certifikat taz-zwieg tieghu ma' l-attrici Sharon Lynn Allison nee Geers (Dok. C);

Illi dan l-izball sehh ukoll fl-att ta' twelid ta' bint Peter Cassar Torreggiani u cjoe` ta' l-attrici Helen Cassar Torreggiani fl-att numru 1722 ta' l-1973 li qed jigi hawn mehmuz u mmarkat Dok. D;

Illi l-istess izball sehh ghal darb'ohra fl-att tat-twelid ta' iben Peter Cassar Torreggiani, l-attur Thomas Cassar Torreggiani fl-att numru 5397 ta' l-1976 li qed jigi hawn mehmuz u mmarkat Dok E;

Illi hemm ukoll zball fl-att taz-zwieg ta' l-attur Michael Cassar Torreggiani billi kunjomu huwa miktub Cassar Toreggiani b’ “r” wahda u mhux doppja (Dok F);

Illi l-istess atturi ghalhekk talbu li l-konvenut jghid il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi ma ghandhiex:

1. Tordna l-korrezzjoni u r-registrazzjoni tal-kunjom fic-certifikat tat-twelid u taz-zwieg skond il-provedimenti tal-**artiklu 253 tal-Kodici Civili**, sabiex il-kunjom tal-attur Peter Cassar Torreggiani jinkiteb bil-'g' doppja u cjoe` CASSAR TORREGGIANI.

2. Tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless f’kull att ta' l-istat Civili relattiv ta' l-attur kif ukoll tal-attrici martu.

3. Tordna l-korrezzjoni u r-registrazzjoni tal-kunjom fic-certifikat tat-twelid ta' bint Peter Cassar Torreggiani u cjoe` l-attrici Helen Cassar Torreggiani, fl-att numru

1722 tas-sena 1973 u dan skond l-**artiklu 253(3) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

4. Tordna l-korrezzjoni u r-registrazzjoni tal-kunjom ta' iben Peter Cassar Torreggiani u cjoe` l-attur Thomas Cassar Torreggiani fic-certifikat tat-twelid tieghu att numru 5397 tas-sena 1976 u dan skond l-**artiklu 253 (3) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

5. Tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless f'kull att ta' l-istat Civili relattiv ta' l-atturi Helen Cassar Torreggiani u Thomas Cassar Torreggiani.

6. Tordna l-korrezzjoni u r-registrazzjoni tal-kunjom fic-certifikat taz-zwieg ta' iben Peter Cassar Torreggiani u cjoe` l-attur Michael Cassar Torreggiani peress illi kunjomu huwa miktub Cassar Toreggiani minflok Cassar Torreggiani (Dok. F).

7. Tordna ukoll illi l-bdil awtorizzat fl-att taz-zwieg (Dok.F) jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili ta' l-attur Michael Cassar Torreggiani kif ukoll ta' martu.

Il-konvenut huwa minn issa mharrek sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 15 tal-process;

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Settembru 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur Registru Pubbliku a fol 21 fejn gie eccepit:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti .

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Atti tat-Twelid numru 1722/1973, 5397/1976 mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

3. Illi l-atturi huwa mitlub illi jispecifikaw l-att civili u n-numri rispettivi ta' l-atti kollha fejn qed jitolbu korrezzjoni fihom.

4. Illi fl-Att tat-Twelid numru 1722/1973 l-kunjom ‘Cassar Torreggiani' huwa mnizzel kif mitlub mill-attur.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda a fol 22 u 23 tal-process;

Rat il-verbal tat-30 ta’ Jannar 2003 fejn l-attur Peter Cassar Torregiani prezenti kkonferma d-dikjarazzjoni attrici. Deher ukoll Dr Hubert Theuma ghad-Direttur Registru Pubbliku li ta ruhu b’notifikat bic-citazzjoni u rrimetta ruhu ghall-provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta’ Frar 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta’ l-attur numru 7705/1939 *stante* li l-attur qed jallega li fil-fatt hu kien dejjem maghruf bil-kunjom “Torreggiani” u mhux “Torregiani” kif indikat fl-istess Certifikat. Qed tigi mitluba wkoll korrezzjoni f’dan is-sens fic-certifikat taz-zwieg tal-attur Nru 83/2002, fl-att tat-twelid ta’ Helen Cassar Torreggiani li jgib in-numru 1722/1973;fic-certifikat tat-twelid ta’ iben l-attur Thomas li jgib in-numru 5397/1976, u fl-att taz-zwieg ta’ iben l-attur Michael li jgib in-numru 1208/1994.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u dan jinsab ikkonfermat ukoll mic-certifikat tat-twelid ta' missier l-attur li jgib in-numru 4609/1912 mmarkat bhala Dok 'A' a fol 5 tal-process. Ghalhekk it-talbiet kif dedotti ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tordna l-korrezzjoni u r-registrazzjoni tal-kunjom fic-certifikat tat-twelid u taz-zwieg skond il-provedimenti tal-**artiklu 253 tal-Kodici Civili**, sabiex il-kunjom tal-attur Peter Cassar Torreggiani jinkiteb bil-'g' doppja u cjoe` CASSAR TORREGGIANI.

2. Tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless f'kull att ta' l-istat Civili relattiv ta' l-attur kif ukoll tal-attrici martu.

3. Tordna l-korrezzjoni u r-registrazzjoni tal-kunjom fic-certifikat tat-twelid ta' bint Peter Cassar Torreggiani u cjoe` l-attrici Helen Cassar Torreggiani, fl-att numru 1722 tas-sena 1973 u dan skond l-**artiklu 253(3) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

4. Tordna l-korrezzjoni u r-registrazzjoni tal-kunjom ta' iben Peter Cassar Torreggiani u cjoe` l-attur Thomas Cassar Torreggiani fic-certifikat tat-twelid tieghu att numru 5397 tas-sena 1976 u dan skond l-**artiklu 253(3) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

5. Tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless f'kull att ta' l-istat Civili relattiv ta' l-atturi Helen Cassar Torreggiani u Thomas Cassar Torreggiani.

6. Tordna l-korrezzjoni u r-registrazzjoni tal-kunjom fic-certifikat taz-zwieg ta' iben Peter Cassar Torreggiani u

cjoe` l-attur Michael Cassar Torreggiani peress illi kunjomu huwa miktub Cassar Toreggiani minflok Cassar Torreggiani (Dok. F).

7. Tordna ukoll illi l-bdil awtorizzat fl-att taz-zwieg (Dok.F) jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili ta' l-attur Michael Cassar Torreggiani kif ukoll ta' martu.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess atturi, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**